MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Numru 16/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Carmel Saliba**

**Sentenza dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari.**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 16 tas-sena 2011 kontra l-akkużat Carmel Saliba, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-każin tal-partit Nazzjonalista ġewwa l-Mqabba, il-President ta dan il-każin, Michel Farrugia kien qed iħejji ikla tal-milied li kienet ġiet organizzata minnu hemmhekk. Waqt li kienu qed isiru dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kien mar l- akkużat Carmel Saliba fejn allavolja mhux mestieden ma ġiex imkeċċi u ġie offrut x'jixrob mis-Sur Farrugia. Madankollu u f'dak il-mument

inqala battibekk bejn l-akkużat u l-President minħabba kwistjoni ta' natura politika li kienet seħħet fi żmien l-elezzjonijiet u skalat sal-punt fejn sabiex tikkalma s-sitwazzjoni, l-akkużat intalab sabiex jitlaq minn hemmhekk. Hu u ħiereġ, l-akkużat instema jgħid li kien ser ipattiha lil Michel Farrugia.

Illi wara li l-akkużat telaq minn fuq il-post irriżulta li l-vettura li kienet qed tintuża minn Michel Farrugia tal-għamla Kia u bin-numru ta' reġistrazzjoni KPJ593 u li kienet ipparkjata quddiem il-Każin, kienet soffriet xi danni li ġew ikkaġunati mill-akkużat stess li kien ħabat fil-vettura tas-Sur Farrugia bil-vettura tiegħu tal-għamla Toyota u bin- numru ta' reġistrazzjoni FBM247, u dan meta' l-akkużat telaq mill-każin wara l-battibekk li inqala bejniethom. Meta s-Sur Farrugia nnota b'li kien ġara u bil-ħsarat li kien ġarrab hu ċempel lill-pulizija sabiex jagħmel rapport u fil-mument meta' l-pulizija kienu għadhom wasslu fuq il-post tal-każin sabiex jinvestigaw dawn id-danni, innutaw lill-akkużat jirritorna bil-vann tiegħu fejn meta ħareġ mill-vann ġie nnutat li kien armat b'senter f'idejħ.

Michel Farrugia kif ukoll xi nies oħra li kienu ħarġu barra mill-każin sabiex jaraw x'ġara ġew ordnati mill-pulizija sabiex jerġgħu jidħlu ġol- każin u f'dak il-mument l-akkużat mexa fid-direzzjoni tal-każin fejn avviċina lill-pulizija li ppruvaw jikkontrollawħ. Hemmhekk l-imsemmi Carmel Saliba dolożament u bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta diversi persuni f'periklu ċar, spara diversi drabi lejn il-każin tan- Nazzjonalisti tal-Mqabba meta kien jaf li ġewwa kien hemm diversi nies, fosthom nisa u tfal. Filfatt kienu ġew feruti diversi nies li minnhom kien hemm min kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Fost dawk il-persuni li kienu fil-każin, kien hemm Michel Farrugia, Silvana Callus, Mario Abdilla, Daniela Cini, David Mazelli, John Noel Leonard, Omar Osman Salib, Elsa Schembri, Loreta Spiteri Pisha, Yoseif Isack Weldemichael, Omar Cucciardi.

Illi il-Pulizija li kienu fuq il-post baqgħu jisserraw mal-akkużat sakemm ħadulu l-arma u dan sabiex jevitaw

li s-sitwazzjoni taggrava iktar milli filfatt kienet u sabiex jarrestawħ għal dak li kien għadu kif wettaq. Bis-saħħa tagħhom u bis-saħħa tat-tobba li operaw u li taw il-kuri u l- interventi kollha meħtieġa lill-vittmi li kienu fil-każin fil-mument tal- aggressjoni kontrihom mill-akkużat, dawn il-persuni ma' soffrewx ġrieħi agħar milli kellhom jew ma nltaqtux bit-tiri sparati mill-akkużat u kwindi effettivament ma nqatlux jew ħajjithom ma ġiex perikolat minn Carmel Saliba. Fi kliem ieħor il-vittmi, kemm dawk milquta kif ukoll dawk li ma ntlaqtux, ġew salvati minħabba l-kuraġġ u l-prontezza tal-pulizija li kienu fuq il-post fil-mument meta seħħet l-aggressjoni u minħabba l- għajnuna tat-tobba li medikawhom u kwindi b'riżultat ta' aġir aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-akkużat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna/i jew li jqiegħed il-ħajja tagħha/tagħhom f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna/i jew li jqiegħed il-ħajja tagħha/tagħhom f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 212 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall- ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, irriżulta li l-akkużat Carmel Saliba, sabiex jikkometti r-reat ikkontemplat fl-ewwel Kap, beda jispara fid-direzzjoni tal-Każin tan-Nazzjonalisti waqt li kien għadu fil-Pjazza tal-Knisja tal-Mqabba fejn effettivament jinstab il-każin in kwistjoni. In oltre, wara l-investigazzjoni li saru rriżulta li l-akkużat m'għandux liċenzja sabiex iġorr u wisq inqas li jispara armi tan-nar fil-pubbliku.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit- toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux anqas minn tmient elef Euro (€8,000) u mhux iżjed minn tmenin elf euro (€80,000) jew ta' dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 24(2), 29(2)(b) u 33(1) ta' L-Ordinanża dwar l-Esplossivi (Kap 33) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, irriżulta wkoll li l-akkużat kien qed jagħmel użu minn arma tan-nar filwaqt li għamel tentattiv fuq il-ħajja tal-persuni li kienu fil- Każin tan-Nazzjonalisti mertu tal-każ odjern u kwindi għal raġuni mhux leġittima.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon (arma tan-nar), jew xi imitazzjoni ta' arma tan- nar, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon (arma tan-nar), jew xi imitazzjoni ta' arma tan-nar, u dan mingħajr għan leġittimu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 64(1) u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, rriżulta mill-investigazzjonijiet li l-arma li ntużat mill- akkużat sabiex jikkometti r-reat ikkontemplat fl-ewwel kap ta' din l-att tal-akkuża kienet misruqa minn persuna oħra u in oltre l-akkużat rriżulta li ma kellu l-ebda liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iżomm arma jew munizzjon kemm ġewwa kif ukoll barra minn fond li jista jagħmel mal-arma in kwistjoni.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu, jew ġarr barra ,minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu, jew ġarr barra ,minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon; talab li jingħamel skond il-liġi kontral l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett xhur u mhux iżjed minn ħames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 5(1), 51(2) u 56 ta' L-Att Dwar l-Armi (Kap 480) u l- artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel u fir-raba kapi, u ċioe' nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, irriżulta wara t-tfittxijiet relattivi mill-uffiċjali tal-korp tal-pulizija illi l-arma tan-nar li intużat mill-akkużat dakinhar tal-inċident irriżultat li kienet tal-għamla Beretta bin-numru serjali D39291E u ma kinitx tappartjeni lill-akkużat. Filfatt irriżulta li propjament l-arma in kwistjoni kienet tappartjeni lil Stefan Apap fejn din l-arma flimkien ma munizzjon relattiv għaliha kienet insterqitlu mill-vettura tiegħu madwar erba' snin qabel l-inċident mertu ta' dan il-każ. Għaldaqstant irriżulta li l-akkużat kien xjentement fil-pussess u filfatt għamel użu minn arma tan-nar li kienet misruqa u li fil-mument meta nsterqet kienet tiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma kinitx teċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u ċioe' arma tan-nar (senter) ta' l-għamla beretta bin-numru serjali D39291E, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u ċioe' arma tan-nar (senter) ta' l-għamla beretta bin-numru serjali D39291E, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom ; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn ħames xhur u mhux iktar minn tlett snin fl-artikolu 334(a),

267, 279(a), 12(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fl-istess żmien u fiċ- ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel, fir-raba u fil-ħames kapi, u ċioe' nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, rriżulta li meta l-akkużat Carmel Saliba ġie fil-pussess tal-arma D39291E tal-għamla Berretta, hu ma notifikax lill-Kummissarju b'dan u b'hekk ikkometta ksur tal-liġi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, meta' ġie fil- pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenza, naqas milli minnufiħ jagħti avviż tagħha lil Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba ħati talli, meta' ġie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenza, naqas milli minnufiħ jagħti avviż tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew għall-multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikol 41, 51(8) u 56 ta' l-L-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista'

skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel kap, u ċioe' nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l- Mqabba, rriżulta li l-vettura li kienet qed tintuża minn Michel Farrugia dakinhar tal-inċident tal-għamla Kia u bin-numru ta' reġistrazzjoni KPJ593 u li kienet ipparkjata quddiem il-Każin, kienet soffriet danni li ġew ikkaġunati volontarjament mill-akkużat stess li kien ħabat fil-vettura tas-Sur Farrugia bil-vettura tiegħu tal-għamla Toyota u bin-numru ta' reġistrazzjoni FBM247, u dan meta' l-akkużat telaq mill-każin wara l- battibekk li kellu bejnu u Michel Farrugia. Meta s-Sur Farrugia nnota b'li kien ġara u bil-ħsarat li kien ġarrab hu ċempel lill-pulizija sabiex jagħmel rapport. Irriżulta wkoll li d-danni li ġew ikkaġunati mill-akkużat fuq il-vettura misjuqa minn Michel Farrugia kien jammontaw għal tlett elef mija wieħed u sittin Euro (€3161.38).

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmelo Saliba, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-

ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xaħar sa erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmien Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel kap, u ċioe' nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l- Mqabba, il-Pulizija li kienu fuq il-post u cioe' PC527 Stephen Camilleri u PC858 Carmelo Camilleri baqgħu jisserraw mal-akkużat sakemm ħadulu l-arma u dan sabiex jevitaw li s-sitwazzjoni taggrava iktar milli filfatt kienet u sabiex jarrestawħ għal dak li kien għadu kif wettaq. Filfatt irriżulta li l-akkużat rreżista lill-pulizija meta dawn għamlu l-almu tagħhom sabiex joħdulu l-arma tan-nar minn idejħ u sabiex iwaqqfuħ minn dak li kien qed iwettaq kif ukoll waqt l-arrest tiegħu u ċioe waqt il- qadi ta' dmirijiethom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, kontra diversi persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkun qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, kontra diversi persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkun qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 96(a), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

9. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fid-Disa` Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel u fit-tmien kapi, u ċioe` nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, l-akkużat injora l-ordnijiet ta' PC527 Stephen Camilleri u PC858 Carmelo Camilleri li kienu fuq ix-xena tad-dellitt u dan meta ippruvaw iwaqqfuħ minn dak li kien qed jagħmel u effettivament meta' ordnawlu sabiex ma jisparax peress li jista jweġġa u joqtol lil xi persuni.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, m' obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, m' obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l- awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(ee), 7(2)(a), 12(2), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l- imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

10. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ghaxar Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel, fit-tmien u fid-disa' kapi, u ċioe' nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, minħabba l-atteġjament tal- akkużat filwaqt li kien qed jissarra mal-pulizija li kienu fuq il-post apparti l-isparaturi volontarji li hu spara waqt li kien fil-Pjazza tal-Knisja fid- direzzjoni tal-Każin tan-Nazzjonalisti in kwistjoni, u anki minħabba l-fatt li waqt li kien qed jissarra mal-pulizija kien qed jgħajjat u jipprovoka lil min kien fil-każin sabiex joħorġu barra b'vuċi għolja u b'hekk għamel ħafna storbju, l-akkużat volontarjament iddisturba l-paċi u l-kwiet f'post pubbliku.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(dd), 7(2)(a), 12(2), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

11. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hdax il-Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel, fit-tmien, fid-disa' u fl-għaxar kapi, u ċioe` nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l-Mqabba, filwaqt li l-akkużat kien għadu fil-każin tan-Nazzjonalisti u waqt li kien qed ikollu xi jgħid ma Michel Farrugia hu uża kliem vulgari kif ukoll dagħa. Apparti minn hekk filwaqt li l-akkużat kien qed jgħajjat barra mill-każin tan-Nazzjonalisti mertu ta' dan il-każ u filwaqt li kien qed jużha kliem provokattiv beda juża kliem oxxen u vulgari sabiex jindirizza lil min kien fil-każin.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, volontarjament qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, li jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, volontarjament qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, li jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' tlett xhur priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(bb), 342, 7(2)(a), 12(2), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

12. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tnax il-Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel kap, u ċioe` nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l- Mqabba, waqt il-battibekk li l-akkużat kellu ma Michel Farrugia, rriżulta li dan l-argument skala sal-punt li l-akkużat inġurja lill-Michel Farrugia bi kliem dispreġattiv kif ukoll ħebb fisikament għaliħ. Filfatt xi persuni hemm preżenti kellhom jintervjenu sabiex jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni u jifirdu lill-akkużat minn Michel Farrugia.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli, volontarjament ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli, volontarjament ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil

ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 339(d), 7(2)(a), 12(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

13. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tlettax il-Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel kap, u ċioe` nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u l-għaxra fil-għaxija (21:00hrs - 22:00hrs) ġewwa l- Mqabba, meta l-imsemmi Carmel Saliba rritorna lura fuq il-post sabiex jivvendika ruħu, hu għamel dan bl-użu tal-vettura tiegħu tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni FBM247 u billi saq b'veloċita` qawwija ħafna. Indubjament b'tali aġir, l-akkużat saq il-vettura tiegħu b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u b'mod perikoluż speċjalment meta wieħed iqis li dan is-sewqan kien qed iseħħ f'toroq pubbliċi.

Illi b' għemilu l-imsemmi Carmel Saliba sar ħati talli saq *motor-car* jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan, jew *motor-car* jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Saliba, ħati talli saq *motor-car* jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan, jew *motor-car* jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew

b'mod perikoluż; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sitt xhur kif ukoll jiġi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta), u l-artikoli 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Saliba kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Carmel Saliba datat il-15 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Eċċezzjoni – In-Nullita' tal-Għaxar Kap.**

L-eċċezzjoni hija din:

'In-nullita' tal-għaxar kap in kwantu l-fatt miġjub ma jikkostitwix ir-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap.'

Id-difiża ssottomettiet li dan il-Kap huwa dwar il-kontravenzjoni 338(dd) tal-Kap 9 u l-akkuża hija 'volontarjament iddisurba l-paċi u l-kwiet pubbliku.' Irreferiet għall-interpretazzjoni mogħtija mill-Qrati ta' din il-kontravenzjoni bħala waħda li tikkorrispondi għall-breach of the peace li fiha jkun hemm biżż' dwar l-inkolumita' tal-persuni li jkunu preżenti. Dan il-biża ma jidhirx rifless fil-parti narrativa.

L-Avukat Ġenerali ma qabilx ma’ din is-sottomissjoni għaliex huwa ssottometta li dan il-Kap jibda bil-kliem:

‘Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kapi ta’ dan l-Att tal-akkuża u partikolarment b’referenza għall-fatti indikati fl-ewwel, fit-tmien u fid-disa’ kapi..’

Issa jekk wieħed jeżamina l-ewwel kap waħdu hemm dawn il-kelmiet:

‘Hemmhekk l-imsemmi Carmel Saliba dolożament u bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ diversi persuni f’perikolu ċar, spara diversi drabi lejn il-każin tan-Nazzjonalisti tal-Imqabba meta kien jaf li ġewwa kien hemm nies, fosthom nisa u tfal.’

L-Avukat Ġenerali ssottometta li billi ssir referenza għal dak li jkun intqal fil-kapi ta’ qabel, tkun evitat ħafna repetizzjoni għalxejn.

Il-Qorti eżaminat il-kliem li għalih għamel referenza l-Avukat Ġenerali. Qed tiddeċiedi li dan huwa biżżejjed biex jissodisfa l-kap tan-narrativa skont il-Kap 9. Għaldaqstant qed tiċħad din l-eċċezzjoni.

**It-Tieni Eċċezzjoni – Il-Piena Indikata fl-Ewwel Kap**

Rat il-verbal tal-10 t’Ottubru 2011 li fih il-Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni u ordnat il-korrezzjoni tal-Att tal-Akkuża fl-Ewwel Kap fis-sens li l-piena tidher ‘mhux aktar minn tletin sena priġunerija’ minflok ‘piena ta’ għomor.’ (fol 2 u 29). Għalhekk m’hemmx għalfejn tieħu konjizzjoni tagħha aktar.

**It-Tielet Eċċezzjoni – L-inammissibilita’ tal-Istqarrija**

It-tielet eċċezzjoni hija din:

‘L-inammissibilita’ tal-istqarrija magħmula lill-Pulizija (a fol 41 et seq) u tal-istqarrija magħmula fl-inkjesta maġisterjali (a fol 121 et seq) tal-eċċipjent u ta’ kwalsiasi referenza ta’ dak minnu mistqarr lil xhied oħra in kwantu ttieħdu

mingħajr ma kkonsulta ma' avukat u mingħajr ma kellu avukat preżenti waqt it-teħid tagħhom.'

Il-Qorti eżaminat l-istqarrija a fol 41 ( meħuda fil-21 ta' Diċembru 2008) kif ukoll dik a fol 121 (meħdua fil-21 ta' Diċembru 2008). Fost affarijiet oħra l-akkużat qal hekk:

'Is-senter kien ikkargat meta jien ġibtu mid-dar għaliex jiena ngħix waħdi u għalhekk inżommu kkargat. Meta wasalt il-pjazza tal-Imqabba jien rajt il-każin tal-Partit Nazzjonalista magħluq u tajt żewġ tiri mal-bieb. Daqshekk b'kollox bi tpattija talli Michel Farrugia ried isawwatni.'

U aktar 'l isfel:

'Għalija (fil-każin) ma kien hemm ħadd għaliex il-bieb tal-każin kien magħluq.'

'Le ma kontx naf (li kien hemm in-nies). Mela hawn xi każin li jkollu n-nies bil-bieb magħluq? (fol 43) '

'Le ma mortx biex noqtlu (lil Michel Farrugia) . Biex inbeżżgħu.'

'Niftakar li l-ħġieġ tal-karozza (Kia ta' Michel Farrugia) kissirthom b'idi. Bid-daqqiet tal-ponn kif qed nurikom.'

A fol 44 l-akkużat kien qal li meta xtara s-senter kienu qalulu li kien mingħajr liċenzja u huwa ma kienx jaf li kien misruq.

U a fol 44 qal: 'Jien ma kontx naf li t-tiri se jinfdu u biex x'ħin jarhom Michel filgħodu ma joqgħodx jaqbad miegħi.'

Fix-xhieda mogħtija fl-Inkjesta Maġisterjali l-akkużat qal: 'Kien fl-elezzjoni meta tani daqqa ġo ħalqi…….Meta mort il-każin tan-Nazzjonalisti lanqas kont naf li kien ħa jkun hemm hu. Dħalt ġol-bar nixrob. Wara ġie Michel u beda jagħtini. Tas-senter ma nafx kif ġie. Ma kontx qed inġorr is-senter fil-karozza tiegħi.'

Id-difiża qed tissottometti li dawn l-istqarrijiet għandhom jitqiesu inammissibbli ġaladarba issa hemm deċiżjonijiet mill-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Għalhekk m'għandhomx jingħataw lill-ġurati. Lanqas m'għandhom jingħataw lill-ġurati u fl-istess ħin ikun direzzjoni mill-Imħallef dwar kif għandhom iqisu dawn it-tali stqarrijiet. La l-ġurati jkunu aw l-istqarrijiet dawn ser ikunu nfluwenzati bihom minkejja kull direzzjoni. Irreferiet ukoll għall-artikolu 581 tal-Kap 9 li kien meqjus bħala li jikser id-drittijiet fondamentali tal-bniedem u xorta għadu fil-Kodiċi iżda fil-prattika ma jingħatax kasu.

L-Avukat Ġenerali ma qabilx ma' dan. Huwa ssottometta li l-każ Salduz vs Turkey kellu karatteristiċi għalih u kull każ għandu jitqies waħdu u mhux bilfors b'referenza għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ewropea f'dan il-każ partikolari. Min-naħa l-oħra l-artikoli fil-Kap 9 dwar il-validita' o meno tal-istqarrijiet għadhom ireġu.

Ikkonsidrat

L-Istqarrijiet it-tnejn ittieħdu **qabel** l-10 ta' Frar 2010. M'hemm ebda dubju li huma ttieħdu skont kif kienet il-Liġi dak iż-żmien li ma kienet tippermetti ebda konsultazzjoni ma' avukat.

Il-Każ 'Salduz versus Turkey' kien deċiż fis-27 ta' Novembru 2008 waqt li dawn il-ġrajja allegatament seħħu fl-20 ta' Diċembru 2008 jiġifieri 21 jum **wara**.

L-erba' artikoli 658 – 661 tal-Kap 9 ( Titolu II 'Fuq il-Konfessjoni) ma jidhru li sallum **qatt** ma kienu emendati minn meta saru parti mill-Kodiċi Kriminali. Fihom hemm x'għandu jkun aċċettat bħala prova minn konfessjoni u li l-konfessjonijiet ma jagħmlux prova ħlief kontra min jagħmilhom. Mela fl-istess dispożizzjonijiet għandek x'inhu aċċettat bħala prova u x'għandu jkun eskluż.

Id-difiża rreferiet għad-deċiżjonijiet Kostituzzjonali dwar każi diversi. Iżda dawn il-każi ddeċidew każi partikolari u ma ħassru ebda liġi jew xi parti mill-Kodiċi Kriminali.

Huwa tassew li skont l-artikolu 3 tal-Kap 319:

‘3. (1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta’ Malta.

(2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.’

Iżda is-subinċiż (2) ta’ dan l-artikolu ma jagħtix carte blanche lil kull Qorti li tieħu deċiżjoni hi dwar x’inhu konsistenti u x’mhux konsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Filfatt l-istess Kap jimxi mal-proċeduri mfasslin fil-Kostituzzjoni dwar allegazzjonijiet ta’ ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u jindika lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili u lill-Qorti Kostituzzjonali bħala l-Qrati li jiddeċiedu dawn il-vertenzi.

L-artikolu li għadu kif ġie ċitat hawn fuq huwa għal kollox differenti mill-artiklu 3 li nsibu fil-Human Rights Act 1998 tal-Ingilterra li jgħid hekk:

‘’3. (1) So far as it is possible to do so, primary legislation and subordinate legislation must be read and given effect in a way which is compatible with the Convention rights.’

Dan l-artikolu jagħti mano libera lill-Qrati Ingliżi fl-applikazzjoni tal-Liġijiet li ma nsibux fit-test Malti. L-aktar li waslu l-Qrati Maltin kien li, f’kawżi ta’ libel, jifhmu l-liberta’ tal-espressjoni ai termini tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Iżda hemm differenza kbira tiddeċiedi fuq jekk persuna kenitx libellata jew le fid-dawl tal-każistika tal-Qorti Ewropea u tiddeċiedi dwar ammissibilita’ ta’ prova o meno meta tali prova għandu dispożizzjonijiet ċari dwarha.

Id-difiża rreferiet għall-artikolu 581 tal-Kap 9. Imma d-deċiżjoni dwar dan l-artikolu kien propju attakk fuq l-artikolu. S’issa m’hemmx deċiżjoni li l-artikoli dwar ‘Il-

Konfessjoni' b'xi mod jilledu d-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu d-deċiżjoni fuq l-artikolu 581 jew il-konsegwenzi tiegħu bħala analoġija ma' deċiżjonijiet li jittrattaw in-nuqqas ta' konsulenza ma' avukat waqt li l-akkużat kien għand il-Pulizija.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li ma tistax tilqa' din it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat u qed tqis iż-żewġ stqarrijiet bħala ammissibbli bħala prova.

**Ir-raba' eċċezzjoni**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

'L-inammissibilita' tar-relazzjoni ta' Dr Stefano Filletti (a fol 198 et seq) in kwantu hija in vjolazzjoni tat-tielet proviso tal-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali.'

L-artikolu 548 jgħid hekk:

'Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 552(2) ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xhieda tagħhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti relevanti.'

L-ewwelnett, skont is-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali stess, dawn ix-xhieda kollha taw ix-xhieda tagħhom fl-Istruttorja u kkonfermaw dak li kienu xehdu quddiem il-perit maħtur mill-Qorti Dr Stefano Filletti.

Il-Qorti qed tirreleva li Dr Stefano Filletti ma ħax ix-xhieda biss iżda għamel diversi konstatazzjonijiet fuq il-post li ġew inklużi fir-rapport.

Barra minn dan fil-fehma tal-Qorti il-proviso tal-artikolu 548 la jikkontempla xi nullita' u lanqas xi inammissibilita'. L-intenzjoni wara dan il-proviso huwa li jitnaqqsu l-ispejjeż u xejn aktar. Ikun hemm ċirkustanzi fejn ix-xhieda jridu jinstemgħu immedjatament u n-numru tagħhom ikun wisq biex ilaħħaq il-Maġistrat Inkwerenti magħhom.

Fl-aħħarnett hemm il-perikolu li dak li kkonfermaw ix-xhieda waqt is-smigħ fl-istruttorja ma jkollux id-dokument indispensabbli li għalih ikunu rreferew l-istess xhieda.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din ir-raba' eċċezzjoni.

**Il-Ħames Eċċezzjoni**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

'L-inammissibilita' tad-dokumenti mmarkati bħala Dok APX1, APX2 u APX3 esibiti mill-Ispettur Anthony Portelli in kwantu huma intiżi sabiex joħolqu preġudizzju inġust mal-eċċipjent u huma wkoll manifestament irrelevanti.'

Id-difiża ssottomettiet li dawn id-dokumenti huma manifestament irrelevanti. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali wieġeb li dawn id-dokumenti huma biss ċertifikati li sofrew il-vittmi tal-aggressjoni u li jista' xi wħud minnhom jgħinu lill-akkużat għax ikunu jindikaw offiżi aktar ħfief.

Il-Qorti rat dawn id-dokumenti li qegħdin qabel il-fol 58 tal-proċess. APX 1 huwa intitolat 'Refusal' u 'To carry a shotgun for sporting purposes on land.' L-istess huma intitolati APX 2 u APX 3. Għalhekk dawn kollha għandhom x'jaqsmu ma' jekk Carmelo Saliba bin Nicholas u Innoċenza nee Farrugia setax ikollu liċenzja arma ta' shotgun.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li ġaladarba fil-Kapi tal-akkuża tissemma arma, id-dokumenti huma rilevanti u ammissibbli u għalhekk qed tiċħad il-ħames eċċezzjoni.

**Is-Sitt Eċċezzjoni**

Din l-eċċezzjoni hija din:

L-inammisibbilita' tax-xhieda u tar-relazzjonijiet rispettivi ta' PC 1525 Patrick Farrugia, PS Alfio Borg u PC 881 Charles Grech in kwantu ma ngħataw ebda nomina mill-Maġistrat Inkwirenti.'

Id-difiża qed tissottometti li jrid ikun hemm in-nomina u rreferiet ukoll għas-sentenza ‘Il-Pulizija vs John Magro tat-23 t’Awwissu 2010. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali qed jgħid li dawn xehdu fil-kumpilazzjoni u qalu x’nomina għandhom. Għalhekk m’hemm ebda preġudizzju għall-akkużat għaliex dawn huma nies li jafu x’għandhom jagħmlu u x’ħiliet speċjali għandhom bżonn biex iwettqu ċertu xogħol.

L-ewwelnett il-Qorti rat is-sentenza kkwotata b’approvazzjoni mid-difiża. Iżda din is-sentenza kienet waħda sommarja fuq inċident sempliċi u li damet tkarkar is-snin għax qatt ma kien isir xogħol fiha. Iżda l-proċeduri odjerni mhumiex sommarji għaliex jinkludu akkużi li bilfors iridu jinstemgħu mill-Qorti Kriminali. Isem dawn l-uffiċjali huwa mniżżel fil-lista tal-persuni nominate mill-Maġistrat Inkwirenti f’digriet apposta (ara fol 114) u jekk fid-digriet ma jidhirx l-għan għalfejn inħatru dawn it-tliet esperti, mir-relazzjoni tagħhom (li kienet ikkonfermata bil-ġurament) għalfejn inħatru. Ara, per eżempju, fol 377 – relazzjoni ta’ PC 1525 Patrick Farrugia fejn jgħid li nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jagħmel eżamijiet forensiċi għall-iżvilupp ta’ impronti diġitali u eżamijiet ta’ restawr ta’ numri serjali oriġinali.’

L-istess jagħmel is-surġent 516, a fol 349 fejn jgħid li kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti bħala espert tal-fotografija sabiex jiġbed video.

Fil-prattika, il-Maġistrat Inkwirenti l-ewwel jaħtar il-minimu ta’ esperti neċessarji li jintalab mill-uffiċjali li jkunu fuq il-post. Imbagħad iniżżel fin-Notebook tiegħu ismijiet oħra ta’ esperti oħra li jkun intalab jaħtar (ħafna drabi permezz tat-telefon) hekk kif l-inkjesta minnha nnifisha tkun titlob aktar esperti f’oqsma differenti jew aktar speċjalizzati bħalma tidher in-nomina sabiex ikun jirrestawra n-numru serjali oriġinali.

Il-fatt li fid-digriet tal-Maġistrat Inkwirenti jidhru dawn l-ismijiet u ħdejhom m’hemmx indikat eżatt x’għandu jsir bl-ebda mod ma jnaqqas mill-ammissibilita’ ta’ dawn il-provi. Dawn l-individwi m’għandhom ebda interess li jidħlu għall-

inkarigu li għalih ma ser jirċievu ebda ħlas żejjed u huma marbuta mat-taqsima forensika tal-Pulizija.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din is-sitt eċċezzjoni wkoll.

**L-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.**

L-Avukat Ġenerali intavola n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fil-25 ta' Lulju, 2011. Wara li d-difiża ppreżentat nota spjegattiva dwar ix-xhieda tagħha, l-Avukat Ġenerali rtira nota tal-eċċezzjoni tiegħu fl-14 t'Ottubru 2011 u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tan-Nota tal-25 ta' Lulju 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------